Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,809, 12 ta' Ottubru, 1993
Taqsima B

A.L. 134 ta' l-1993

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 8).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-20 ta' Settembru, 1993.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Flat numru 3, Ex-Skola Teknika, Blokk C, Triq Notabile, Mrieħel, Birkirkara (Tenement No. 71719).

(2) Flat numru 7, Blokk B-1, Triq id-Dawr, Ta' Mlit, Mosta (Tenement No. 70800).

(3) Flat numru 8, Blokk B-3, Triq id-Dawr, Mosta (Tenement No. 70819).

(4) Flat numru 2, Blokk F-3, Triq in-Nasba, Ta' Mlit, Mosta (Tenement No. 71493).

(5) Maisonette bin-numru 105, Triq Tal-Borg, Paola (Tenement No. 61768).

(6) Maisonette bin-numru 29, Triq Joseph Stivala, Paola (Tenement No. 61796).

(7) Flat numru 1, Block I, De La Cruz Avenue, Ta' l-Istabar, Qormi (Tenement No. 64164).

(8) Id-dar bin-numru 32, Triq Ħalib it-Tajr, Santa Luċija, Malta (Tenement No. 66957).

(9) Flat numru 8, Blokk 13, Bieb 1, Trejqet il-Liedna, Santa Luċija, Malta (Tenement No. 64540).

(10) Flat numru 2, Blokk S, Triq Katerina Vitale, Santa Luċija, Malta (Tenement No. 70877).

(11) Id-dar bin-numru 1, Blokk I, Triq Ħal Luqa, Tarxien (Tenement No. 63898).

(12) Flat numru 1, Blokk B4, Triq in-Newl, Ħal Mula, Żebbuġ, Malta (Tenement No. 72038).

(13) Id-dar bin-numru 55, Triq il-Marrubja, Żejtun (Tenement No. 67444).

(14) Flat numru 1, Blokk E, Triq Wied Babu, Żurrieq (Tenement No. 70365).

(15) Sittax-il flat li jagħmlu parti minn blokk ta' flats imsemmija Binja Filippo Sceberras fi Floriana.

Tmien flats huma aċċessibbli minn bieb intern enumerat minn 1 sa 8 b'Entratura C komuni, u jmissu mill-Grigal ma' Triq Vilhena, mill-Majjistral ma' Triq San Franġisk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

Tmien flats huma aċċessibbli minn bieb intern enumerat minn 1 sa 8 b'Entratura D komuni, u jmissu mill-Grigal ma' Triq Vilhena, mix-Xlokk ma' Pjazza Filippo Sceberras u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

Iż-żewġ Entraturi huma sovrastanti parti minn sotterran, u l-blokk kollu jikkonfina mill-Grigal ma' Triq Vilhena, mill-Majjistral ma' Triq San Franġisk u mil-Lbiċ ma' Pjazza Filippo Sceberras.

Dawn il-flats jinsabu delineati bl-aħdar fuq L.D. 156/93.

(16) Sittax-il maisonette li jagħmlu parti minn blokk imsemmi Binja Vilhena fi Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana.

Dawn il-maisonettes huma aċċessibbli minn bieb estern separat mhux uffiċjalment enumerat minn 1 sa 16 fi blokk imsemmi Binja Vilhena. Il-blokk kollu jikkonfina mill-Majjistral ma' Pjazza Sir Luigi Preziosi, mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

Dawn il-maisonettes jinsabu delineati bl-aħdar fuq L.D. 157/93.

(17) Flat numru 14, Blokk A, Bieb B, Triq Tursin il-Bir, Santa Luċija, Malta (Tenement No. 66590).